

32005R0874

10.6.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 146/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 874/2007**tad-9 ta' Ġunju 2005****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 dwar iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja¹, u partikolarment l-Artikolu 11 (a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004 jelenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, il-korpi u l-entitajiet li fuqhom huwa impost l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fil-21 ta' Mejju, fis-17 ta' Lulju u fl-10 ta' Settembru 2008, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kumitat ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċida li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u risorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 872/2004 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 162, 30.4.2004, p. 32. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1462/2007 (ĠU L 326, 12.12.2007, p. 24).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 9 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Eneko LANDÁBURU
Id-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni

ANNEX**Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004 huwa emendat kif ġej:****(1) Għandhom jitneħħew dawn il-persuni fiżiċi li ġejjin:**

M. Moussa Cisse (magħruf ukoll bħala Mamadee Kamara). Data tat-twelid: (a) 24.12.1946, (b) 14.12.1957, (c) 26.6.1944, (d) 26.7.1946, (e) 24.12.1944. Passaporti: (a) Passaport diplomatiku Liberjan: D/001548-99; (b) Passaport ordinarju Liberjan 0058070 (validu 10.1.2000 sad-9.1.2005; isem: Mamadee Kamara, data tat-twelid: 26.7.1946, post tat-twelid: Gbarnga, Bound County); (c) Passaport diplomatiku Liberjan 001546 (validu 1.8.1999 sat-30.8.2001, data tat-twelid: 24.12.1944, post tat-twelid: Ganta, Nimba County); (d) Passaport diplomatiku Liberjan D/000953-98. Informazzjoni oħra: eks-Kap tal-Protokoll Presidenzjali. Ċermen tal-Mohammad Group of companies.

(2) L-annotazzjoni 'Edwin M., Jr. Snowe. Ċittadinanza: Liberjana. Numru tal-passaport: OR/0056672-01. Informazzjoni oħra: Direttur Maniġerjali tal-Liberian Petroleum and Refining Corporation (LPRC)' għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

Edwin M., Snowe jr. Ċittadinanza: Liberjana. Numru tal-passaport: (a) OR/0056672-01, (b) D/005072. Informazzjoni oħra: Direttur Maniġerjali tal-Liberian Petroleum and Refining Corporation (LPRC).

(3) L-annotazzjoni 'Jewell Howard Taylor (magħrufa wkoll bħala Howard Taylor). Data tat-twelid: 17.1.1963. Passaport diplomatiku Liberjan: D/003835-04 (validu 4.6.2004 sat-3.6.2006). Informazzjoni oħra: mart l-eks-President Charles Taylor' għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

Jewell Howard Taylor (magħrufa wkoll bħala Howard Taylor). Data tat-twelid: 17.1.1963. Passaport diplomatiku Liberjan: (a) D/003835-04 (validu 4.6.2004 sat-3.6.2006), (b) D/00536307. Informazzjoni oħra: Mart l-eks-President Charles Taylor.